MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 686/2004

**Avviz numru 686/04DM**

**Luigia mart Michael Zammit u l-istess Michael Zammit**

**Vs**

**Stephen Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm2,650) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni ma' self moghti lill-konvenut skond skrittura ta' self tal-5 ta' Gunju, 1987 (dok. A).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-5 ta' Gunju, 1987, sad-data tal-pagament, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Scicluna fejn ecceppixxa illi:

1. L-eccipjent jaqbel li ghad fadal is-somma bilancjali ta' elfejn sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm2,650) x'tithallas minnu lill-atturi mis-self originali ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000), minn liema somma pero' trid titnaqqas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti l-valur ta' deheb li kien inghata lill-atturi bhala rahan in konnessjoni ma' l-imsemmi self, u liema deheb l-atturi llum qed jghidu li m'ghadux aktar fil-pussess taghhom.
2. Wkoll trid issir il-prova u jinghata *break-down* dettaljat dwar is-somma li qed tigi pretiza mill-atturi bhala imghaxijie fl-Avviz odjern.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal ta' l-Erbgha 11 ta' Mejju, 2005, fejn il-partijiet qablu illi b'garanzija tar-restituzzjoni tas-self kien inghata rahan lill-atturi konsistenti f'oggetti tad-deheb li nsterqu minn terzi f'Novembru, 2003, u ghalhekk il-valur ta' dan, fis-somma ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) ghandu jitqies bhala pagament akkont maghmul f'Novembru, 2003, u b'hekk il-partijiet iddikjaraw u ftiehmu illi l-bilanc dovut lill-attrici huwa ta' elf, u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) bl-imghax sal-lum fis-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) biex b'hekk jiddikjaraw illi s-somma komplessiva dovuta llum mill-konvenut lill-attrici hija ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000);

Il-partijiet qablu wkoll u ftiehmu illi din is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici permezz ta' rati egwali, mensili u konsekuttivi ta' mija u sebgha u sittin liri Maltin (Lm167) oltre l-imghax a skalletta u fin-nuqqas ta' xi pagament, ta' xi wahda minn dawn ir-rati ghal zmien ta' xahar il-konvenut jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont intier li dak inhar ikun baqa' bhala bilanc isir dovut minnufih.

Il-partijiet iffirmaw il-*prime note* bi prova ta dan il-ftehim u qablu wkoll li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa u talbu li din il-Qorti taghti s-sentenza li tinkorpora dan il-ftehim.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenut u wara li rat dan il-ftehim qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma erbat elef liri Maltin (Lm4,000), bl-imghax ta’ 8% li ghandha tithallas mill-konvenut permezz ta’ rati mensili egwali u konsekuttivi ta’ mija u sebgha u sittin liri Maltin (Lm167) oltre l-imghax a skaletta, bl-ewwel rata dovuta fl-1 ta Gunju 2005 u fin-nuqqas ta’ xi pagament ta’ xi wahda minn dawn ir-rati ghal zmien ta’ xahar il-konvenut jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont intier li dak inhar ikun baqa bhala bilanc isir dovut minnufih u s-sentenza issir ezegwibbli dwar dan l-istess bilanc.

L-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------